MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2014

Numru. 351/2007

**Daniel Lanzon, iben Alexander u Carmen nee' Cefai, imwieled Tal Pieta' nhar it-30 ta' Settembru, 1985, residenti fil-fond Block 16, Flat 1, Triq il-Gendus, Cospicua, detentur tal-karta tal-identita' numru 567485M;**
**Omissis;**
**Omissis;**
**Joseph Zaffarese, iben Simon u Catherine nee' Callus, imwieled Cospicua nhar il-11 ta' Jannar, 1974, residenti fil-fond numru 41, Triq San Guzepp, Rahal Gdid, detentur tal-karta tal-identita' numru 102274M**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Daniel Lanzon** u **Joseph Zaffarese** li gew akkuzati talli b'diversi atti, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, u cioe':

1. Nhar is-16 ta' Awwissu, 2005 u t-8 ta' Novembru, 2006, fil-Gzira, f'Marsascala, fil-Fgura, u f'inhawi ohra differenti f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom, u li jikkonsistu f'vettura gdida fjamanta tal-marka BMW Series 116 li kienet ghadha bla numru tar-registrazzjoni u li ghandha numru tax-chassis jaqra WBAUF12080PW27617 li hi rapurtata misruqa, liema serq kien jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000.00);

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, malli saru jafu li xi haga li kienet fil-pussess taghhom kienet haga misruqa jew haga mehuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqsu li jgharrfu lill-pulizija b'dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta kienu hekk saru jafu;

3. U aktar talli **<u>Daniel Lanzon wahdu</u>** fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' vettura gdida fjamanta tal-marka BMW Series 116 li kienet ghadha bla numru tar-registrazzjoni u li ghandha numru tax-chassis jaqra WBAUF12080PW27617, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000.00), bil-lok, u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment tal-kumpanija Muscat Motors Ltd tal-Gzira;

4. U aktar talli kiser il-provvediment tal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza datata 12 ta' Marzu, 2003, moghtija mill-Magistrat Dr A Mizzi LL.D., fejn kien gie misjub hati ta' diversi reati u gie lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt(3) snin;

5. U aktar talli Daniel Lanzon u Joseph Zaffarese flimkien, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saqu vettura tal-marka BMW Series 116 li kienet ghadha bla numru tar-registrazzjoni u li ghandha numru tax-chassis jaqra WBAUF12080PW27617, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew tal-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, jew saqu l-imsemmija vettura minghajr ma kellhom licenzja specifikata biex isuqu l-imsemmija

vettura, u b'hekk ma kinux koperti b'licenzja jew polza tal-assigurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni;

6. U aktar talli Daniel Lanzon sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50, 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat illi l-imputati Lanzon u Zaffarese, ghall-interrogatorju wiegbu li ma kinux hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghhom rispettivament.

Rat illi ntalbet u saret separazzjoni ta' gudizzju, ghalhekk din id-decizjoni hija biss u unikament fil-konfront ta' Daniel Lanzon u Joseph Zaffarese.

Illi rat ukoll l-Artikoli eventwalment mibghuta mill-Avukat Generali, taht liema hemm mahsuba li tista' tinstab htija, u cioe':

- Fil-konfront ta' Joseph Zaffarese fl-Artikoli 18, 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
- Fil-konfront ta' Daniel Lanzon wahdu fl-Artikoli 49, 50, 261, 267, 271(g), 279(b), 280(1), 281(a), u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; fl-Artikoli 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta; u fl-Artikoli 3(1)(1A)(1B)(2)(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi moqrija l-istess Artikoli, l-imputati wiegbu li ma kellhom ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Semghet lill-**<u>Ufficjal Prosekutur Spettur Stephen Mallia</u>**, illi xehed fuq l-investigazzjoni li wasslet ghall-akkuzi in dezamina. Xehed illi l-pulizija kienu rcevew rapport minn certu Hugh Caruana in rapprezentanza tas-socjeta' Muscat Motors, Gzira, illi l-kumpanija mill-istabbiliment taghha sabet nieqsa vettura Citreon C2 gdida fjamanta. Sussegwentement qal illi dahal rapport iehor dwar serqa ta' vettura ohra minghand din il-kumpanija fit-18 ta' Ottubru, 2006 - dan issa maghmul minn sales manager Joseph Duca. Din il-vettura misruqa din id-darba kienet BMW Series 116 tal-valur ta' sittax-il elf lira Maltin

(Lm16,000.00). Anke din naqset mill-storage ta' Muscat Motors. Qal illi din il-vettura li ma kellhix numru tar-registrazzjoni, kellha numru tax-chassis li kien jaqra WBAUF12080PW27617. Din kienet ghadha mhix registrata mal-Awtorita' tat-Trasport. Irrizultalu aktar tard fil-kors tal-investigazzjoni, illi naqsu wkoll fl-istess fond vettura ohra tal-marka BMW Series 320CD. B'kollox fil-fatt qal illi kienu naqsu minghand Muscat Motors erba'(4) karozzi li kienu mhux registrati mal-ADT. Xehed ukoll illi xi granet wara, misterjozament, gew ritornati fil-fond misruq zewg vetturi minnhom. Ghalhekk baqghu naqsin skondtu l-BMW Series 116 u s-Citreon. Kompla li fit-8 ta' Novembru, 2006, gie nfurmat illi Joseph Duca (gia' msemmi), kien il-Fgura u hemm kien sab il-BMW ipparkjata. L-Ispettur acceda fuq il-post ma' PC 18 Mifsud, fejn sabu l-vettura ndikata mghottija b'cover. Meta kixfuha kellha fuqha pjanca ta' registrazzjoni BAR356. Kellha wkoll licenzja mal-windscreen ta' vettura BAR356 korrispondenti din ma' vettura Peugeot 356 registrata skondtu fuq certu Peter Mallia minn Santa Venera. Fuq il-post kien hemm anke PS 1261 u PC 1525 li ghamlu xoghol ta' elevar ta' impronti digitali u fotografija (police work). Xehed ukoll illi l-prezenti Joseph Duca gharaf il-vettura in kwistjoni bhala dik misruqa minn Muscat Motors.

Kompla li waqt illi kien qieghed isir dan ix-xoghol investigattiv fuq il-vettura, mar certu Carmel Debono (wiehed mill-ko-imputati qabel is-separazzjoni tal-gudizzju), illi qallhom illi l-vettura kienet tieghu, tant illi anke gab ic-cavetta tal-istess mid-dar tieghu. Qal l-Ispettur illi dan kien tahom informazzjoni li kien xtraha zmien qabel. Hadhom anke go hut il-Verdala fejn ghal xi zmien kien skondtu jzomm l-istess vettura u fejn kellu wkoll Peugeot BAR356, liema numru kien wahhal fuq din il-BMW. Xehed l-Ispettur illi hemm sabu wkoll BMW Series 116 ta' kulur differenti li kienet mahbuta, li Debono qal illi kellu hsieb jirranagha. Minn dak li qallhom Debono, il-pulizija waslu ghal Zaffarese. Skont Debono kien dan illi bieghlu l-BMW xhur qabel. Kompla jixhed fuq dak illi qallu Zaffarese li din kien xtraha minghand Alfred Gialanze'. Kompla jixhed ghalhekk illi Zaffarese kien qallu li din il-BMW 116 gdida kien gabhielu Daniel Lanzon. Kien

iddecieda li jixtrieha versu l-prezz ta' mitejn lira Maltin (Lm200.00), nonostante li ghalih kienet tidher li ghadha gdida, tant illi anke kellha l-protective wax. Irrizultalu l-Ispettur mill-investigazzjoni li dawn ftehmu li Lanzon kellu jhallieha pparkjata hdjen ta' Monita bic-cwievet fiha, u Zaffarese jigborha l-ghada. Ghalhekk l-ghada, fil-5.30am, marru hemm, Marsascala, Gialanze' u Zaffarese. Saqha Gialanze', u haduha fil-garaxx li kellu Zaffarese f'Marsascala. Zaffarese kien ghadda mitejn lira Maltin (Lm200.00) lil Gialanze' biex ihallas bihom lil Lanzon. Skont l-Ispettur dan Zaffarese beda jibza' juza din il-vettura u ghalhekk avvicina lil Debono u talbu seba' mitt lira Maltin (Lm700.00) biex ibieghhielu. Dan accetta, ghalkemm hallsu biss mitejn lira Maltin (Lm200.00).

Sussegwentement biex ikompli l-hlas, dan Debono anke tah choker ta' valur ta' mitt lira Maltin (Lm100.00), u mitt lira ohra fi flus. Zaffarese kien anke qal lill-Ispettur illi Lanzon kien qallu li kien seraq din il-vettura gdida mix-xatt. Minn naha tieghu Lanzon, kien qal lill-Ispettur illi hu kien seraq il-vettura BMW 116 mill-livelli taht l-art ta' Muscat Motors, u li kellha c-cavetta go fiha. Dahal fiha u saqha.

Gew ezebiti l-istqarrijiet li xehed fuqhom l-Ispettur, ghall-fini ta' dawn l-proceduri, ammissibbli biss l-istqarrija ta' Daniel Lanzon u dik ta' Joseph Zaffarese, Dok DL a folio 76 u Dok JZ a folio 85.

Ezebixxa wkoll l-Ufficjal Prosekutur ir-rapporti li dahlu dwar is-serq Dok SM1 u Dok SM2. Ezebixxa sett ritratti – tmintax(18)-il ritratt mehud minn PS 1261 Charles Pace, Dok SM3. Ezebixxa sett ta' ritratti ta' Peugeot 405 fil-hut, Fuq Verdala, Bormla, mehuda minn PS 1261 u mmarkat bhala Dok SM4. Sett ritratti ohra ta' BMW 116 mahbuta, ukoll fil-hut ta' Verdala, bin-numru tar-registrazzjoni ABO184 mehuda minn PS 1261 Charles Pace u mmarkati bhala Dok SM5. Ezebixxa wkoll sentenzi fil-konfront ta' Alfred Gialanze' tat-28 ta' Jannar, 2001, immarkata bhala Dok AG1; u ohra fil-konfront ta' Alfred Gialanze' datata 21 ta' Gunju, 2006, immarkata bhala Dok AG2.

Aktar tard, rega' xehed u qal illi l-vettura nstabet wara nofsinhar, mghottija b'cover. Kienet ipparkjata fit-triq. Dwar l-akkuzati li fuqhom hi din il-kawza, xehed biss dwar dak illi qalulu l-ko-akkuzati l-ohra, allura l-Qorti mhix ser tiehu dan in konsiderazzjoni.

Aktar tard in kontro ezami, issa biss fejn koncernanti Lanzon u Zaffarese stante li kienet saret is-separazzjoni tal-gudizzju, qal illi fiz-zmien illi baghat ghal Lanzon, dan ma kellu ebda assistenza legali. Tah is-solita twissija. Dak iz-zmien Lanzon kellu wiehed u ghoxrin(21) sena. Mistoqsi mid-Difiza jekk dan f'dak iz-zmien, cioe' Lanzon, kinx fil-Forensic Unit, wiegeb illi kien zgur gos-CCF. Xehed illi l-atteggjament ta' Lanzon waqt it-tehid tal-istqarrija kien kalm u li kien ikkopera; illi ma kellux problemi mieghu. Tah dettalji ta' kif insterqet il-BMW. Qabel ma' dak suggerit mid-Difiza, illi fil-fatt id-decizjoni ta' Lanzon illi jisraq il-BMW kienet wahda mpulsiva, fis-sens illi mar ifittex xoghol ghand Muscat Motors, ra l-karozza bic-cavetta fl-ignition, u qabad u hadha. Qabel illi Lanzon wara heba l-vettura f'Kordin go garaxx, u anke avvicina ko-akkuzat (fil-proceduri originali), biex isiblu lil xi hadd biex jixtri l-vettura. Qabel ukoll illi Lanzon ma kellux x'jaqsam, mill-investigazzjonijiet tieghu, mas-serq tal-vettura l-ohra.

Qal ukoll illi Lanzon kellu problemi familjari, ma trabbix mal-familja tieghu. Xehed ukoll fuq il-problemi precedenti li kellu mal-gustizzja – dan del resto huwa rifless fil-fedina penali tieghu, anke li psikologikament ma kinx daqshekk stabbli. Qal ukoll illi mill-investigazzjonijiet tieghu, seta' jghid illi Lanzon kull meta nvestigat fuq serq u kien jara li kien hemm provi bizzejjed kontrieh, kien jikkopera. Qal illi lil Daniel Lanzon dejjem investigah fuq serq ta' vetturi. L-Ispettur Mallia kien dejjem qieghed iwiegeb fuq mistoqsijiet maghmula lilu mill-Avukat Difensur tal-istess Lanzon.

In kontro ezami ghall-imputat Zaffarese, wiegeb ukoll illi Zaffarese ma kellu ebda assistenza legali waqt it-tehid tal-istqarrija. Ammetta li fl-investigazzjonijiet Zaffarese kkopera.

**PS 985 Stephen Pace** xehed dwar il-volontarjeta' u l-identita' tal-istqarrijiet u l-investigati.

**PS 1261 Charles Pace**, **PC 186 Kristian Mintoff**, u **PC 1525 Patrick Farrugia**, ikkonfermaw ir-ritratti mehuda minnhom bhala police work fuq il-vetturi ndikati mill-Ispettur Stephen Mallia, u gia' minnu ezebiti.

Minn naha tieghu, l-**Ispettur Keith Arnaud**, xehed ukoll dwar tliet vetturi misruqa minghand Muscat Motors, fosthom BMW. Hejja r-rapport tal-okkorrenza. Xehed illi mill-investigazzjonijiet tieghu, irrizultalu li l-vetturi kienu msakkrin, pero c-cwievet jithallew fl-ignition. Il-vetturi kienu jkunu msakkrin fl-area tal-minus one level. Xehed fuq investigazzjonijiet li kien ghamel fil-konfront ta' Ronald Debono minn Bormla, li ghandu sab fost vetturi misruqa ohra, Pajero, mhux relatata ma' dan il-kaz, instabet steering stool bl-ignition u cavetta ta' vettura BMW. Wara li tkellem ma' Hugh Zammit ghal Muscat Motors dwar l-istess, gie stabbilit illi din kienet tappartjeni lil wahda mill-BMWs misruqa. Qal illi kien ressaq lil dan Ronald Debono bl-akkuza ta' serq.
Qal ukoll illi wara li ra dan il-kaz mal-Ispettur Stephen Mallia, kien irrizultalhom illi dan Ronald Debono kien hu wiehed mill-ko-akkuzati fil-proceduri originali.

Xehdu wkoll **Stephen Cachia** u **Brian Farragia** ghall-ADT, illum Transport Malta.

**Stephen Cachia** xehed dwar Peugeot 405 bin-numru tar-registrazzjoni BAR356 li kienet registrata fuq certu Peter Mallia minn Novembru tas-sena 2004. Dwar id-driving license ta' Daniel Lanzon, l-imputat, dan xehed illi dan ma kellux licenzja tas-sewqan, ezebixxa Dok SC u Dok SC1. Dwar il-vettura bix-chassis number WBAUF12080PW27617 qal illi din kienet BMW ta' kulur blue registrata fuq Matthew Von Brockdorff ghan-nom tas-socjeta' Atlas Insurance Agency, Dok SC4.

Minn naha tieghu, **Brian Farrugia** xehed dwar vetturi MJX001 u vettura ABO184 - l-ewwel BMW kulur blue

registrata fuq Martin Xuereb, u l-ohra BMW 116 kulur silver registrata wkoll fuq Martin Xuereb, Dok BF.

Xehed **Peter Mallia**, dwar il-Peugeot BAR356 ta' kulur griz, li kien bieghha lil wiehed skondtu Charlie, indika lill-ko-imputat Carmel Debono. Gharaf din il-vettura mir-ritratti ezebiti bhala Dok SM4. Din pero, mhix xhieda li tmiss direttament l-akkuzi migjuba kontra Lanzon u Zaffarese. Tfakkar dejjem il-Qorti li fil-proceduri originali sar is-separazzjoni ta' gudizzju.

Ingab jixhed anke **Martin Xuereb**, dwar il-BMWs appartenenti lilu. Qal illi hu kien xtara BMW lil ibnu li kien habat biha, u ghalhekk, wara li gew rimborsati mill-insurance ghal dan, giet total loss u anke zammew il-vettura, kienu bieghuha lil certu Daniel. Qal illi kien thallas taghha u anke sar it-transfer.
Kienet BMW001 Series 1, blue. Ma gharafx lil dan Daniel fl-Awla.
Aktar tard ikkorega x-xhieda tieghu u qal illi l-bejgh sar lill-ko-imputat Carmel Debono, allura mhux wiehed mill-imputati li jikkoncernaw lil dawn il-proceduri.

Xehdu wkoll diversi mpjegati ta' Muscat Motors, is-socejta' derubata.
**Joseph Duca** xehed ghal Muscat Motors dwar karozza li nsterqet minghand is-socjeta' f'Ottubru 2005 tal-marka BMW kulur blue. Qal illi f'Novembru, 2006, ircevew informazzjoni dwarha u hu wahdu kien mar il-Fgura biex jivverifika kinitx l-istess vettura misruqa. Gharafha anke mill-kulur partikolari, iddeskrivieh bhala blue naqra mahmug, u li fil-fatt kienu gabu vettura wahda biss dak il-kulur. Qal illi kienu waslu fuq il-post anke l-puliziija. Xehed illi l-vettura kellha valur ta' tlettax-il elf u sitt mitt lira Maltin (Lm13,600.00).

**Hugh Caruana**, xehed fuq rapport illi ghamel f'isem il-kumpanija dwar BMW Series 116 li ma nstabitx fl-stores f'minus one level, cioe' waqt illi kien qieghed isir pre-delivery inspection, wara tfittxija ghal din il-vettura, irrizulta li kellhom nieqsa wkoll zewg vetturi ohra. Qal illi hu mas-socjeta' derubata kellu kapacita' ta' sales manager. Zied

fix-xhieda tieghu illi hu qatt pero ma kien ra lil din il-vettura pparkjata fl-edificju misruq. Qal pero li anke hu kien involut fit-tfittxija ta' din il-vettura. Xehed illi hu qatt ma kien raha din il-karozza, pero kien jaf illi kienet ghandhom. Qal illi wara xi zmien, kienet giet irkuprata fi stat xejn tajjeb. Kellha l-arja kondizzjonata maqluba, u grif (hafna). Bieghha versu l-prezz ta' tnax-il elf u hames mitt lira Maltin(Lm12,500.00). Gharaf il-vettura mid-Dok SM3 folio 97.

Minn naha tieghu **Mario Galea**, ukoll jahdem mas-socjeta' derubata, xehed illi gie mitlub karozza BMW. Mar ghaliha wara r-rixtellu fejn kien hemm il-karozzi l-godda, u ma sabhix. Ghamlu stock take, u rrizultalhom illi fil-fatt kellhom tliet vetturi nieqsa. Qal illi c-cwievet ta' din il-vettura kienu bhall-ohrajn jinzammu go garzella fl-ufficju tieghu. Qal illi c-cwievet ta' din il-vettura kienu pero fiha aktarx.

**David Mifsud** xehed illi hu wkoll kien jahdem ma' Muscat Motors. Jaf illi kienu naqsu tliet(3) karozzi minn hemm. Qal illi hu kien ikollu d-dokumenti li l-vetturi jkunu waslu ghandhom. Qal illi hu kien infurmat minn Mario Galea illi l-vettura kienet nieqsa, sussegwentement xehed illi sabu ohrajn neqsin.

Xehdu mpjegati ohra dwar is-serq tal-vetturi – **Louis Dalli** dwar is-Citreon; ohrajn pero, bhal **Angelo Abela**, **Paul Camilleri**, u **David Camilleri**, biss fuq dak li semghu dwar is-serq tat-tliet karozzi.

Certu **Roderick Scicluna**, xehed illi hu kien ma' Joseph Zaffarese u mieghu mar ghand Charlie (Carmel Debonoo). Qal illi Joseph Zaffarese kellu jigbor xi flus minghandu. Qal illi dan Debono kien tah choker ta' lewn tad-deheb.

Kif gia' kkummentat il-Qorti, gew ezebiti l-istqarrijiet ta' Lanzon u Zaffarese.

L-Ispettur Stephen Mallia, accetta, kif fil-fatt jidher mill-istess stqarrijiet, illi dawn ittiehdu qabel l-emendi tas-sena

2010, u cioe’ minghajr id-dritt ta’ assistenza legali. Issa, in linea mal-insejamenti tal-Qrati taghna f’dan ir-rigward, il-Qorti harset lejn l-eta’ kemm ta’ Lanzon u ta’ Zaffarese, kif ukoll lejn il-fedina penali taghhom, biex tkun tista’ tevalwa kemm kienu vulnerabbli dawn meta rrilaxxaw l-istqarrija.

Ftit ghandha xi tghid il-Qorti dwar l-istat tal-fedina penali ta’ Lanzon, hlief illi ghall-eta’ govanili tieghu, hija wahda fi stat tragiku. Minn naha l-ohra, Zaffarese kien ta’ eta’ ferm aktar matura meta rrilaxxa l-istqarrija, ghalkemm il-fedina penali tieghu ma tirriflettix hajja daqstant kristallizzata u nvoluta fil-kriminalita’.

Del resto, jigi sottolineat ukoll illi kif gie riprodott, id-Difiza ghazlet illi taghmel domandi lill-Ispettur Stephen Mallia in kontro ezami dwar dak illi rrizultalu mill-investigazzjoni u anke mill-istqarrijiet.

Ghalhekk il-Qorti tqis dawn l-istqarrijiet bhala prova ammissibbli.

Minn naha tieghu, Daniel Lanzon fl-istqarrija tieghu, qal illi kellu x’jaqsam ma’ serqa ta’ BMW, wahda li gharaf minn ritratt, dik hatchback, kulur blue fil-griz. Spjega li kien wahdu li mar b’tal-linja jfittex xoghol. Dahal ghand Muscat Motors fis-service area. Nizel fis-sular t’isfel u hemm ra BMW li kellha c-cavetta go fiha. Iddecieda li jistartjaha u johrog ‘il barra biha. Hekk ghamel. Mar biha Kordin u hallieha go garaxx abbandunat. Qal illi l-vettura kienet ghadha gdida bix-xema (wax), anke kellha s-seats bil-plastic. Qal illi kellha xi karti mwahhla mal-windscreen u karti fuq is-seats illi halla hemm. Taha zewg liri Maltin (Lm2.00) petrol ukoll. Halla l-karozza Kordin u c-cavettta taghha go pakkett sigaretti taht ir-rota. Mar Bormla, ra lil certu Alfred Gialanze’, u kellmu dwar din il-vettura biex jixtrieha xi hadd. Hekk gara. Haduha Marsascala, hallewha hemm, u kellu skondtu johodha certu Joseph Zaffarese, dejjem dan kif qallu Gialanze’. Qal illi minn dan il-bejgh Gialanze’ tah tmenin lira Maltin (Lm80.00) biss.

Minn naha tieghu Joseph Zaffarese, kien stqarr illi kien gie mitkellem minn certu Alfred Gialanze’ minn Bormla dwar

BMW misruq. Accetta li jixtri l-vettura ghal mitejn lira Maltin (Lm200.00). Il-ftehim kien illi dan kellu jigbru minn Wied il-Ghajn. Qal illi wara beda jinkwieta fuq din il-vettura misruqa, allura ddecieda li jerga' jbieghha. Bieghha lil certu Debono. Qal ukoll, illi minhabba li dan Debono Charlie ma kinx hallsu l-ammont kollu fuq dan il-bejgh, huwa kien mar ma' certu Roderick Scicluna ghand dan Debono d-dar tieghu, u dakinhar Debono tah mitt lira Maltin (Lm100.00) fi flus kontanti, u choker tad-deheb illi kien stmah mitt lira Maltin (Lm100.00).

Ikkunsidrat ukoll il-Qorti, illi fit-tehid ta' konsiderazzjoni ta' dak illi ntqal fl-istqarrijiet, illi dawn kienu ben korraborat minn xhieda ohra prodotta, u dan in linea ma' dak illi qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spt Yvonne Farrugia) vs Paul Cutajar", deciza nhar it-18 ta' Gunju, 2013, Appell Numru 58/2012:
"*Dwar dan l-ahhar ilment li l-istqarrija kellha tkun sfilzata 'l ghaliex l-appellant ma kienx assistit fil-bidu nett ta' l-arrest tieghu, din il-Qorti taghmel referenza ghal decizjonijiet moghtija ricentament (ara fost ohrajn Charles Stephen Muscat vs Avukat Generali u Gianni Attard vs Avukat Generali) fejn din il-kwistjoni giet trattata u l-Qorti rrilevat li mhux kull nuqqas ta' assistenza legali ghandha twassal ghan-nullita ta' l-istqarrija, izda l-Qorti ghandha tara jekk l-istqarrija hix korroborata minn xhieda ohra u kemm l-akkuzat huwa persuna vulnerabli illi seta' facilment ikun impressjont jew influwenzat mill-fatt illi kien qieghed jigi nterrogat mill-pulizija.*"

Ghandu jigi wkoll sottolineat illi qalu x'qalu Lanzon u Zaffarese fl-istqarrijiet taghhom, dan jista' jaghmel biss prova kontra min ikun irrilaxxa l-istqarrija, u dan ai termini tal-Artikolu 658 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
B'dan kollu pero, il-Qorti thoss. illi kemm minn dak illi qalu l-imputati kull wiehed, korraborat ma' dak li xehdu l-impjegati ta' Muscat Motors – minn fejn insterqet il-vettura, kif spiccat ghandu certu Debono, u kif Zaffarese thallas b'choker tad-deheb jew ahjar skont Roderick Scicluna rcieva minghand Debono chocker tad-deheb, ghandha tinstab htija fil-konfront ta' Lanzon ta' serq u

sewqan bla licenzja u recidiva; u fil-konfront ta’ Zaffarese ta’ ricettazzjoni.

Illi maghmula dawn il-konstatazzjonijiet, din il-Qorti qieghda ssib lil Daniel Lanzon wahdu hati tar-reati lilu addebitati, wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261, 267, 271(g), 279(b), 280(1), 281, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u kif ukoll l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Tilliberah pero mill-effetti tar-reat taht l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, in kwantu ma jirrizultax kif kienet inxurjata l-vettura minnu misjuqa.

Issib lil Joseph Zaffarese wahdu, hati tar-reat ta’ ricettazzjoni kkontemplat fl-Artikolu 334 tal-Kapitolu 334 tal-Ligijiet ta’ Malta (in kwantu certament vettura gdida tat-tip BMW zgur illi ma tigix negozjata hekk fuq l-idejn ghall-prezz irrizorju li xtraha!)

Dwar il-piena, fil-konfront ta’ Lanzon, rat l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Rat ukoll fil-konfront ta’ Daniel Lanzon, ix-xhieda prezentata b’nota li xehed Dr Joseph Spiteri fil-konfront tieghu, fi proceduri ohra kontra tieghu.

Rat ukoll dwar il-piena, il-fedina penali rispettivi, u qieghda tikkundanna lil Daniel Lanzon ghal piena karcerarja effettiva ta’ sentejn u nofs (2 ½).

Tirrakkomanda illi l-istess Daniel Lanzon jinzamm, minhabba l-problemi li ghandu kif riprodotti minn Dr Joseph Spiteri, gewwa l-Forensic Unit, u li jinghata kull kura necessarja biex tghinu fil-kundizzjoni tieghu.

Fil-konfront ta’ Joseph Zaffarese, considerando anke li hu kkopera mal-pulizija, tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ tmintax(18)-il xahar sospizi ghal tlitt(3) snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------